MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Numru 31/2007

**Ir-Repubblika ta’ Malta**
**Vs**
**Joseph Zerafa**
**Charles Joseph Francis Camilleri**
**Censina Zerafa**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 31 tas-sena 2007 kontra l-akkuzati , Joseph Zerafa, Charles Joseph Francis Camilleri w Censina Zerafa li bih huma gew akkuzati talli:
1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-granet u fil- gimghat ta’ qabel it-3 ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), l-akkuzati Joseph Zerafa u Charles Joseph Francis Camilleri ddeciedew li jibdew imexxu w jittraffikaw fir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis*. Zerafa w Camilleri ftiehmu ma’ persuna ohra li jigbru kwantità kbira ta’ din id- droga minghand din il-persuna w wara jbieghuha lil persuni ohra jew jikkonsenjaha lura ftit ftit. Ghas-servizz taghhom li jbieghu, jfornu w jzommu din ir-raza, l-akkuzati kellhom

jithallsu ammont konsiderevoli ta' flus. L-akkuzati ma kienux licenzjati skond il-ligi biex jimportaw, ibieghu jew jittraffikaw medicina perikoluza f'Malta. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel, f'xi zmien ghall-habta ta' Marzu ta' dik is-sena, l-akkuzati gabru d-droga msemmija minghand din il-persuna. Fit-3 ta' Mejju din il-persuna talbet lill-akkuzati sabiex johdulha parti mid-droga fil-vicinanzi tar-residenza taghha. Fortunatament, meta l-akkuzati kienu sejrin jikkonsenjaw ir-raza kif miftiehem, gew imwaqqfa gewwa Marsascala mill-Pulizija nonostante li ghamlu minn kollox biex jaharbu w ma jinqabdux. Fil-fatt, kemm fil-vettura taghhom, kemm mormija fit-triq waqt l-insegwiment, kif ukoll mohbija fir-residenza ta' missier Joseph Zerafa, nstabu blokok li dehru li kienu tar-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* b'piz komplessiv ta' ghaxar kilogrammi. Minn analizijiet u ezamijiet li saru wara minn esperti forensici gie konfermat li din is-sustanza kienet effettivament id-droga msemmija b'valur ta' 'l fuq minn hamsa w ghoxrin elf lira Maltija (Lm25,000).

Illi b'ghemilhom, l-imsemmija Joseph Zerafa w Charles Joseph Francis Camilleri saru hatjin talli assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jitraffikaw medicina f'Malta (raza mehuda mill-pjanta *Cannabis*) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem imsemmi, akkuza lill- imsemmija Joseph Zerafa w Charles Joseph Francis Camilleri hatjin talli assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina f'Malta (raza mehuda mill-pjanta *Cannabis*) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromovew, kkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w illi kull wiehed minnhom jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhuz izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm 50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l- oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi w fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmija akkuzati.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fil-granet u fil- gimghat ta' qabel it-3 ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), l-akkuzati Joseph Zerafa w Charles Joseph Francis Camilleri ddeciedew li jibdew imexxu u jittraffikaw fir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis*. Zerafa w Camilleri ftiehmu ma' persuna ohra li jigbru kwantità kbira ta' din id- droga minghand din il-persuna w wara jbieghuha lil persuni ohra jew jikkonsenjawha lura ftit ftit. Ghas-servizz taghhom li jbieghu, jfornu w jzommu din ir-raza, l-akkuzati kellhom jithallsu ammont konsiderevoli ta' flus. Fil-fatt ghall-habta ta' Marzu ta' dik is-sena, l-akkuzati gabru d-droga msemmija minghand din il-persuna. Fit-3 ta' Mejju din il- persuna talbet lill-akkuzati sabiex johdulha parti mid-droga fil-vicinanzi tar-residenza taghha kif fil-fatt kien anke sar f'okkazzjonijiet ohra. Fortunatament din id-darba, meta l-akkuzati kienu sejrin jikkonsenjaw ir-raza kif miftiehem, gew imwaqqfa gewwa Marsascala mill-Pulizija nonostante li ghamlu minn kollox biex jaharbu w ma jinqabdux. Fil-fatt, kemm fil-vettura taghhom, kemm mormija fit-triq waqt l-insegwiment, kif ukoll mohbija fir-residenza ta' missier Joseph Zerafa, nstabu blokok li dehru li kienu tar-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* b'piz komplessiv ta' ghaxar kilogrammi. Minn analizijiet u ezamijiet li saru wara minn esperti forensici gie konfermat li din is-sustanza kienet effettivament id-

droga msemmija b'valur ta' 'l fuq minn hamsa w ghoxrin elf lira Maltija (Lm25,000).

Il-postijiet fejn l-akkuzati gew intercettati w finalment imwaqqfa mill- Pulizija kienu gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru tas-*soccer pitch* fi Triq il-Kavallerizza, Marsaxlokk, l-iskola ta' San Frangisk, Marsaxlokk, ic-*cinema* fi Triq il-Gardiel, Marsascala w *clubs* ohra w *playing field* fil-vicinanzi.

Illi b'ghemilhom, l-imsemmija Joseph Zerafa w Charles Joseph Francis Camilleri saru hatjin talli pproducew, bieghu jew xort'ohra ttraffikaw fir- raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza minghajr ma kellhom licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w minghajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jfornu d- droga msemmija, w minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w minghajr ma kellhom licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifaturaw d-droga msemmija, w minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga; b'dan li r- reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmija Joseph Zerafa w Charles Joseph Francis Camilleri hatjin talli pproducew, bieghu jew xort'ohra ttraffikaw fir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir- raza minghajr ma kellhom licenzja mill-Ministru responsabbli ghas- Sahha w minghajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 ghall- Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li

jfornu d-droga msemmija, w minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall- importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit- Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w minghajr ma kellhom licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifaturaw d-droga msemmija, w minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga; b'dan li r- reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w illi kull wiehed minnhom jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l- oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(b), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi w ir-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmija akkuzati.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u fic- cirkostanzi indikati fl-ewwel zewg kapi ta' dan l-att ta' l-akkuza, w cioè fil-granet u fil-gimghat ta' qabel it-3 ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), l-akkuzati Joseph Zerafa w Charles Joseph Francis Camilleri kellhom fil-pussess taghhom kwantità kbira ta' raza mehuda mill-pjanta *Cannabis*. L-imsemmija akkuzati gew intercettati mill-Pulizija gewwa Marsaxlokk u matul l-insegwiment huma bdew jiddisponu mid-droga ftit ftit billi jarmuha fit-triq. Wara insegwiment twil, Zerafa w Camilleri twaqqfu mill-Pulizija gewwa

Marsascala w instabet izjed droga fil- vettura ta' l-akkuzati.

Illi matul l-insegwiment u ftit qabel ma twaqqfu mill-Pulizija, Camilleri cempel lill-akkuzata Censina Zerafa w talabaha biex tiddisponi mill- kumplament tad-droga li kienet mohbija gewwa hofra fir-residenza tar-ragel taghha Joseph Zerafa. Fil-fatt din hekk ghamlet u ttrasportat ir- raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* lejn ir-residenza ta' missier Joseph Zerafa w hbietha gewwa forn li ma kienx jintuza. Censina Zerafa ma kellhiex il-vizzju tad-droga.

Minn analizijiet u ezamijiet li saru wara minn esperti forensici gie konfermat li s-sustanza msemmija, w cioè kemm dik li nstabet fil- vettura, kemm dik mormija fit-triq waqt l-insegwiment, kif ukoll dik mohbija fir-residenza ta' missier Joseph Zerafa, kienet effettivament raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* b'valur ta' 'l fuq minn hamsa u ghoxrin elf lira Maltija (Lm25,000). Din id-droga kienet intiza biex tigi traffikata mill-akkuzati kif spjegat fl-ewwel zewg kapi ta' dan l-att ta' l-akkuza.

Il-postijiet fejn l-akkuzati Joseph Zerafa u Charles Joseph Francis Camilleri gew intercettati w finalment imwaqqfa mill-Pulizija kienu gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru tas-*soccer pitch* fi Triq il-Kavallerizza, Marsaxlokk, l-iskola ta' San Frangisk, Marsaxlokk, ic- *cinema* fi Triq il-Gardiel, Marsascala u *clubs* ohra u *playing field* fil- vicinanzi.

Illi b'ghemilhom, l-imsemmija Joseph Zerafa, Charles Joseph Francis Camilleri w Censina Zerafa saru hatjin talli kellhom fil-pussess taghhom ir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, w ma

kienux b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienux awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollhom dik id- droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv taghhom; b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z- zghazagh.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem imsemmi, akkuza lill- imsemmija Joseph Zerafa, Charles Joseph Francis Camilleri w Censina Zerafa hatjin talli kellhom fil-pussess taghhom ir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, w ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill- Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienux awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv taghhom; b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi kull wiehed minnhom jigi kkundannat

ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm 1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm 50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l- oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id- Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939], u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmija akkuzati.

4) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi fix-xhur u fis-snin ta' qabel Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), l-akkuzati Joseph Zerafa u Charles Joseph Francis Camilleri kienu fil-pussess ta' raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* peress li kienu jpejjpu din id-droga.

Illi b'ghemilhom, l-imsemmija Joseph Zerafa u Charles Joseph Francis Camilleri saru hatjin talli kellhom fil-pussess taghhom ir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir- raza meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, w ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienux awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas- Sahha li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir- Regoli msemmija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmija Joseph Zerafa w Charles Joseph Francis Camilleri hatjin talli kellhom fil-pussess

taghhom ir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, w ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienux awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas- Sahha li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir- Regoli msemmija.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi kull wiehed minnhom jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira (LM200) izda mhux izjed minn ghaxart elef lira (LM10,000), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id- Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939], u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmija akkuzati.

5) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fit-3 ta' Mejju tas- sena elfejn u sitta (2006) u fil-granet ta' qabel l-akkuzat Joseph Zerafa kien fil-pussess ta' ammont zghir tad-droga kokajina bil-hsieb li juzaha kif fil-fatt ghamel.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Joseph Zerafa sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Joseph Zerafa talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil- pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira (LM200) izda mhux izjed minn ghaxart elef lira (LM10,000) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r- regola 9 tar-Regoli ta'

l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

6) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi fit-3 ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fic-cirkostanzi spjegati fil-kapi precedenti ta' dan l-att ta' l-akkuza, xi ufficjali tal-Pulizija, wara li ppresentaw ruhhom bhala tali, ordnaw lill-akkuzat Joseph Zerafa biex johrog mill-vettura Suzuki Swift li kien qieghed isuq. Zerafa però ghazel li jirrezisti lil dawn l-ufficjali b'certa vjolenza in kwantu saq il-vettura msemmija biex jahrab minn fuq il-post b'mod li l-Pulizija kellhom jersqu biex ma jigux imtajjra.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Joseph Zerafa sar hati talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorità kompetenti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Joseph Zerafa talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorità kompetenti.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 96(a) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

7) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Seba' Kap illi fit-3 ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), wara li l-akkuzat Joseph Zerafa gie intercettat mill-Pulizija gewwa Marsaxlokk, u minkejja l-ordnijiet biex johrog mill-

vettura, Zerafa harab minn fuq il-post u saq il-vettura tieghu b'mod perikoluz tant li addirittura laqat vettura ohra li kienet wieqfa w fil-fatt gew kawzati hsarat konsiderevoli f'din il-vettura. Dan is-sewqan perikoluz dam sejjer sakemm l-akkuzat twaqqaf mill-Pulizija gewwa Marsascala ftit tal-hin wara.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Joseph Zerafa sar hati talli saq *motor-car* jew vettura ohra b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Joseph Zerafa talli saq *motor-car* jew vettura ohra b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena tal-prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur u tiskwalifikah milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' mhux anqas minn tlett xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 15(1)(a)(2)(3) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) u l-artikoli 23, 30 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

8) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tmin Kap illi fit-3 ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), wara li l-akkuzat Joseph Zerafa gie intercettat mill-Pulizija gewwa Marsaxlokk, irriversja bil-vettura tieghu ta' l-ghamla Suzuki Swift b'velocità kbira biex ikun jista' jahrab minn fuq il-post u, fl-ghaggla u fil-konfuzjoni tal-mument, involontarjament laqat vettura ta' l-ghamla Toyota Hi-Lux bin-numru ta' registrazzjoni DBG- 728 li kienet ipparkjata w ikkawza hsarat ta' kwazi tlett mitt lira (LM300) Maltin a detriment ta' sid l-istess vettura Georgina Schembri.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Joseph Zerafa sar hati talli, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta'

regolamenti, kkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Joseph Zerafa talli, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, kkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 328(d) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l- imsemmi akkuzat.

9) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fid-Disa’ Kap illi fit-3 ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fic-cirkostanzi spjegati fil-kapi precedenti ta’ dan l-att ta’ l-akkuza, xi ufficjali tal-Pulizija, wara li ppresentaw ruhhom bhala tali, ordnaw lill-akkuzat Joseph Zerafa biex johrog mill-vettura Suzuki Swift li kien qieghed isuq. Minkejja din l-ordni w minkejja li kien jaf li din kienet ordni moghtija minn persuni inkarigati minn servizz pubbliku, Zerafa volontarjament ghazel li jinjoraha w fil-fatt saq il-vettura msemmija biex jahrab minn fuq il-post.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Joseph Zerafa sar hati talli ma obdiex l- ordnijiet legittimi ta’ l-awtorità jew ta’ wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li kien jaghmel id- dmirijiet tieghu, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi kien ordnat jew seta’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il- ligi, jew b’xi mod iehor li jkun.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Joseph Zerafa talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorità jew ta’ wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew

fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew seta' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' detenzjoni ghal mhux izjed minn xahrejn, skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 338(ee), 12 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Jannar, 2010, li bih Dr. Aaron Bugeja ghall-prosekuzzjoni, b'referenza ghat-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza, ceda l-aggravanti *"li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh"* fil-konfront tal-akkuzata Censina Zerafa biss u zamm ferm l-istess aggravanti fil-konfront tal-akkuzati l-ohra.

Rat illi meta l-akkuzati Joseph Zerafa w Censina Zerafa gew mistoqsija jekk hux hatja tal-Att tal-Akkuza, kif issa modifikat fil-konfront ta' Censina Zerafa, t-tnejn wiegbu li kienu hatja.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lil dawn iz-zewg akkuzati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghthom ftit taz-zmien biex jergghu lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, dawn iz-zewg akkuzati baqghu jtennu t-twegiba li huma kienu hatja.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih sabu lill-akkuzat Charles Joseph Francis Camilleri b'seba voti kontra tnejn hati tal-ewwel tlitt Kapi u li bih unanimament sabu lill-akkuzat hati tar-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza

Tiddikjara ghalhekk lil **Joseph Zerafa**, fuq l-ammissjoni tieghu stess, hati li :

1. fil-granet u fil-gimghat ta' qabel it-3 ta' Mejju, 2006, u f'dik id-data assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika Medicina f'Malta (raza mehuda mill-pjanta cannabis) kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-medicini Perikoluzi jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni w dan skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;
2. fl-istess zmien, ipproduca, bejgh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza minghajr ma kellu l-licenzji jew awtorizzazzjonijiet mehtiega skond il-Ligi w b'dan li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;
3. fl-istess zmien, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni biex jaghmel dan, b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu w b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, u dan skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;
4. Illi fl-istess zmien kellu fil-pussess tieghu raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza minghajr ma kellu l-awtorizzazzjonijiet mehtiega bil-Ligi, w dana skond ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza;
5. fit-3 ta' Mejju, 2006, u fil-granet ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni w licenzji mehtiega bil-Ligi, w dana skond il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza;
6. fit-3 ta' Mejju, 2006, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigiat minn servizz pubbliku skond il-Ligi filwaqt li tkun taggixxi ghall-esekuzzjoni tal-

Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti, w dan skond is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza;
7. fit-3 ta' Mejju, 2006 saq "motor car" jew vettura ohra b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz, u dana skond is-Seba' Kap tal-Att tal-Akkuza;
8. fit-3 ta' Mejju, 2006, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkaguna hsara jew hassar jew gharraq il-vettura tal-ghamla Toyota Hilux numru DBG 728 u kkagunalha hsara ta' kwazi tlett mitt lira Maltin ghad-detrimenti ta' sidha Georgina Schembri u dana skond it-Tmin Kap tal-Att tal-Akkuza;
9. fit-3 ta' Mejju, 2006, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew seta' jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-Ligi jew b'xi mod iehor li jkun u dana skond id-Disa' Kap tal-Att tal-Akkuza.

Fil-kaz tal-akkuzat **Charles Joseph Francis Camilleri** tiddikjarah hati :
1. talli fil-granet u fil-gimghat ta' qabel it-3 ta' Mejju, 2006 u f'dik id-data, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f'Malta (raza mehuda mill-pjanta cannabis) kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-medicini Perikoluzi jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni w dan skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;
2. ipproduca, bejgh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza minghajr ma kellu l-licenzji jew awtorizzazzjonijiet mehtiega skond il-Ligi w b'dan li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;
3. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din

ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni biex jaghmel dan, b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu w b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, u dan skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

4. illi kellu fil-pussess tieghu raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza minghajr ma kellu l-awtorizzazzjonijiet mehtiega bil-Ligi, w dana skond ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza;

Fil-kaz ta' **Censina Zerafa**, hatja talli fit-3 ta' Mejju, 2006 kellha fil-pussess taghha raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni biex taghmel dan, b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha w dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza kif emendat u ridott fil-kaz taghha biss.

Semghet ix-xhieda ta' Supratendent Norbert Ciappara, Dr. Robert Portelli MD u tar-Rev. George Spiteri prodotti mid-difiza ta' Joseph u Censina Zerafa.

Rat il-Process Verbal esebit fuq talba tad-difiza tal-istess konjugi Zerafa redatt mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke fit-22 ta' Jannar, 2010, kontenenti depozizzjonijijiet tal-istess Joseph Zerafa w tas-Supratendent Norbert Ciappara, liema Process Verbal infetah fuq talba tal-istess Joseph Zerafa b'rikors tal-20 ta' Jannar, 2010 u liema Process Verbal gie esebit quddiem din il-Qorti biss ghall-fini tas-sottomissjonijiet dwar il-piena li jikkoncernaw lill-istess Joseph Zerafa.

Rat il-verbal tad-difiza tal-konjugi Zerafa tal-lum stess fejn gie spjegat *l-iter* tat-tentattivi li saru ghal "sentence bargaining" mal-Avukat Generali, li pero' ma gewx konkluzi bi ftehim.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena tal-abbli difensur Dr Joseph Giglio fir-rigward tal-hati **<u>Joseph Zerafa</u>** li jinsabu kollha registrati w senjatament imma mhux biss is-segwenti :-
1. fejn spjega r-raguni ghala ma ntlahaqx ftehiem bejn il-partijiet fit-termini tal-artikolu 453A w fejn accenna li dan kien ghaliex id-difiza kienet qed tippretendi li s-sentenza kellha tkun inqas minn dik ta' tlettax il-sena prigunerija w tletin elf Euro multa li kien dispost jikkunsidra l-Avukat Generali;
2. skond il-"bench marking exercise" li tuza din il-Qorti f'kazijiet simili w partikolarment fil-kazi "Ir-Repubblika vs Roberto Conte" [10.01.2008] w "Ir-Repubblika vs Moubarak" [26.11.2007], fejn kien hemm ammont ta' raza tal-pjanta cannabis vicin ghal dak mertu ta' din il-kawza inghataw sentenzi ta' tnax il-sena prigunerija;
3. li f'dan il-kaz ghandu japplika l-artikolu 29 tal-Kap. 101 mhux biss in vista tad-depozizzjoni tas-Supratendent Ciappara fl-udjenza tal-lum, imma anki ghaliex id-depozizzjoni ta' Joseph Zerafa fil-process verbal fuq imsemmi tinkwadra ruhha fit-termini ta' dan l-artikolu;
4. illi fil-fedina penali ta' Joseph Zerafa kien hemm biss sejbien ta' htija wiehed dwar pussess tad-droga raza tal-cannabis f'okkazzjoni precedenti;
5. li kien hemm raguni ghaliex Joseph Zerafa irregistra l-ammissjoni tieghu tard;
6. illi l-gurisprudenza Ingliza ghamlet zviluppi fejn jirrigwarda l-issentenzjar ta' persuni hatja meta jkun hemm ammissjoni, li tmur lil hinn mill-kaz ta' **COSTEN** kif johrog mill-**BLACKSTONE** (2006 Edit. P.1972).

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena tal-abbli difensur Dr Joseph Giglio fir-rigward tal-hatja **<u>Censina Zerafa</u>** li jinsabu kollha registrati w senjatament imma mhux biss is-segwenti :-
1. illi dan kien kaz pjetuz li kif jirrizulta mill-istqarrija taghha hi kienet qed tagixxi fuq ordni ta' zewgha Joseph Zerafa w dak li ghamlet ghamlitu f'mument meta ma kienitx qeghda "using critical reason";
2. illi l-involviment taghha kien wiehed de minimis ghal dak li jirrigwarda l-hin tal-pussess tad-droga imsemmija minnha;

3. li hi rregistrat l-ammissjoni wara li l-Avukat Generali ceda w irrinunzja ghall-aggravanti tad-distanza;
4. ghalhekk fil-kaz taghha mhux biss kellu japplika l-minimum tal-piena imma dan kellu wkoll jitnaqqas bl-applikazzjoni tal-artikolu 29.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena tal-abbli difensur Dr Roberto Montalto fir-rigward tal-hati **<u>Charles Joseph Francis Camilleri</u>** li jinsabu kollha registrati w senjatament imma mhux biss is-segwenti :-
1. illi kellu jkun hemm l-assorbiment tar-reati taht l-Ewwel u t-Tielet Kap fir-reat taht it-Tieni Kap skond l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9;
2. illi jekk wiehed joqghod fuq il-verzjoni li strah fuqha l-Avukat Generali w cioe' li t-traffikar li fih kien involut Camilleri kien jikkonsisti fiz-zamma tad-droga ghal saghtejn biss, dan kellu jitqies fil-piena li ma kellix tkun lejn il-massimu possibbli;
3. li peress li l-verdett kien wiehed ta' seba' bi tnejn fuq l-ewwel tlett Kapi w ghalhekk jidher li kien hemm zewg gurati li ma kienux sodisfatti mill-htija tal-akkuzat, dan ukoll kellu jkun rifless fil-piena.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena tal-abbli prosekutur Dr Aaron Bugeja li jinsabu kollha registrati w senjatament imma mhux biss is-segwenti:-
1. fejn fir-rigward ta' Joseph u Censina Zerafa kkonceda li l-htija ta' dawn it-tnejn ma setghatx titqies fuq l-istess livell anki peress li wiehed instab hati ta' disa' Kapi w l-ohra ta' l-uniku Kap li kellha tirrispondi ghalih u ghalhekk il-piena fil-kaz taghhom kellha tkun differenti;
2. illi jekk wiehed iqies l-aspett tal-gravita' tar-reati, l-involviment ta' Joseph Zerafa kien jidher li kien wiehed qawwi w jekk wiehed iqies il-messaggi w telefonati li kienu qed jigu skambjati sa minn gimghat qabel jidher li seta' kellu involviment anki f'xi episodji precedenti;
3. li l-Avukat Generali personali nnifsu ma qabilx li kellu japplika l-artikolu 29 tal-Kap 101 f'dan il-kaz ghax bil-fatt li Joseph Zerafa ghazel li jaghti x-xiehda tieghu biss 48 siegha qabel ma kien ser jibda l-guri, gie li ma halla ebda cans lill-prosekuzzjoni li tikkontrolla l-verita' ta' dak li kien qed jixhed dwaru;

4. li l-Avukat Generali ma riedx jikkonsidra patteggjament dwar il-kaz ta’ Censina Zerafa ghalkemm kien jaqbel li l-involviment taghha kien minimu fil-konfront ta’ dak ta’ zewgha, ghalkemm din ma kienitx ikkoperat mill-ewwel mal-Pulizija, tant li l-ewwel tfittxija fid-dar ta’ missier ir-ragel ma tat ebda rizultat u kien biss l-ghada, meta giet konfrontata bl-ezistenza ta’ filmat li kien juriha hierga bil-baskett, li ammettiet u wriet fejn kienet hbiet il-baskett bid-droga;
5. fir-rigward tal-hati Camilleri l-kwantita’ ta’ droga involuta kellha tittiehed in konsiderazzjoni fil-piena li kellha tinghatalu fid-dawl tal-istess “bench marks” li normalment tibbaza l-piena fuqhom din il-Qorti.

Ezaminat il-fedini penali aggornati tat-tlitt hatja esebiti mill-prosekuzzjoni li mihhom jirrizulta li filwaqt li Censina Zerafa hija incensurata, z-zewg hatja l-ohra diga’ kienu nstabu hatja ta’ pussess ta’ droga raza tal-cannabis (u dan kuntrarjament ghal dak li xehed spontanjament bil-gurament waqt il-guri l-hati Camilleri).

Qieset illi fil-kaz tal-hatja Joseph Zerafa w Charles Joseph Francis Camilleri r-Raba’ Kap ghandu jitqies bhala kap alternattiv ghat-Tielet Kap kif ukoll illi fil-kaz tal-hati Joseph Zerafa r-reat taht id-Disa’ Kap tal-Att tal-Akkuza ghandu jigi assorbit fir-reat ta’ attakk u rezistenza taht is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza ghaliex serva bhala mezz ghall-fini biex setgha jigi kommess dan l-ahhar reat, u ghaliex bejniethom hemm ukoll il-konkors formali w ideali.

Qieset ukoll li fil-kaz ta’ Joseph Zerafa hemm il-konkors formali w ideali bejn is-Seba’ w it-Tmin Kap, u li r-reat taht is-Seba’ Kap serva wkoll bhala mezz biex seta jigi kommess ir-reat taht it-Tmin Kap u ghalhekk ghandu jigi assorbit fih ghall-fini tal-piena.

Qieset ukoll li ghall-fini tal-piena, r-reati taht l-Ewwel u t-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza in kwantu jirrigwardaw lill-hatja Joseph Zerafa w Charles Joseph Francis Camilleri ghandhom jigu assorbiti fir-reat ta’ traffikar taht it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza skond l-artikolu 17(h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Qieset ukoll illi l-piena ghar-reati ammessi mill-hatja konjugi Zerafa w mill-hati Camilleri hija dik ta' ghomor il-habs, pero' skond il-proviso (aa) (bb) tal-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kap. 101 meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqies l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, l-kwantita' tal-medicina involuta fir-reat u c-cirkostanzi kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghal ghomor ma tkunx dik xierqa jew meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, l-Qorti tista' tikkundanna l-hati ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn € 2,329.37 izda mhux izjed minn €116,468.67.

Ikkonsidrat

Qiestet il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi"**, Qorti Kriminali, [24.2.1997] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"**, Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE**, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.);

Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri"** [5.7.2002], l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem , jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament , tissarraf f' riduzzjoni fil-piena.

Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-Qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi",** [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"**, [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-

**"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In *Buffery* ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( *Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable , any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons , such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a**

**defence , and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..”**

Din il-Qorti pero’ kkonsidrat il-riljev li ghamel l-abbli difensur Dr. Joseph Giglio dwar “guidelines” ta’ Dicembru 2004 mahruga mis-“Sentencing Guidelines Council” tal-Ingilterra dwar tnaqqis ta’ piena fejn ikun hemm ammissjoni li jmorru lil hinn mill-kaz ta’ **Costen** appena citat u partikolarment jiccitta l-bran mill-Blackstone’s fuq imsemmi (2006 Edit. P. 1972) li jghid hekk :-

“*in Hussain the Court of Appeal rejected the argument that the statutory provision made it mandatory for a sentencer to give credit for a plea of guilty. In the past a reduction has been withheld when an offender had been caught red-handed and a guilty plea is inevitable ……. The SGC Guideline now says that credit should not be withheld or reduced on these grounds alone (Para. 5.2).”*

Ikkonsidrat ;

Ili huwa ovvju li r-rakkomandazzjonijiet tas-“Sentencing Guidelines Council” ma humiex awtomatikament applikabbli f’Malta w cioe’ f’gurisdizzjoni differenti w sal-lum dak li gie citat b’approvazzjoni mill-Qrati taghna, partikolarment mill-Qorti tal-Appell Kriminali, huwa l-kaz ta’ **Costen** fuq imsemmi.
Illi f’dan il-kaz , meta l-hatja Joseph u Censina Zerafa tressqu l-Qorti fil-5 ta’ Mejju, 2006 u gew mistoqsija jekk riedux iwiegbu w x’ iwiegbu, fuq l-akkuza wiegbu li ma kienux hatja w dan minkejja li huma kienu diga’ ammettew l-involviment taghhom rispettiv skond l-akkuzi dedotti kontra taghhom fl-istqarrija taghhom lil Pulizija. Huma zammew din il-pozizzjoni ferma tul il-kumpilazzjoni kollha w baqghu ma rregistrawx ammissjoni. Meta umbaghad huma gew notifikati bl-att tal-akkuza odjern fis-7 t’Awwissu, 2007, ipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet preliminari li fil-kaz ta’ Joseph Zerafa gew kollha ceduti w fil-kaz ta’ Censina Zerafa gew ceduti jew decizi kontra taghha bla ma appellat minnhom. L-ammissjoni taghhom saret biss seduta stante fl-udjenza tal-25 ta’ Jannar, 2010,

kwazi erba' snin wara l-kommissjoni tar-reati minnhom ammessi w dak inhar li kellu jibda l-guri taghhom.

Inoltre jirrizulta li Joseph Zerafa baqa' jistenna dan iz-zmien kollu biex joffri li jixhed quddiem Magistrat bil-ghan li jkun jista' jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 u dana biss ghamlu fl-20 ta' Jannar, 2010 u cioe' hamest ijiem biss (li minnhom tnejn kienu s-Sibt u l-Hadd) qabel il-bidu tal-guri.

Hu minnu li l-hatja meta l-kawza giet appuntata ghas-smiegh quddiem il-gurati ammettew, imma fic-cirkostanzi meta wiehed iqis "**l-*iter*"** tal-process, zgur li ma jistax jintqal li f'dan il-kaz kien hemm xi ammissjoni bikrija, li tkun awtomatikament tintitola lill-hatja ghal xi riduzzjoni sostanzjali fil-piena. Dan anzi kien kaz fejn, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, l-hatja ghamlu ammissjoni fl-ahhar mument possibbli u fil-kliem tac-citazzjoni fuq riprodotta dan kien proprju kaz ta' **'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ….."**

Il-Qorti qieset fir-rigward tal-hati Joseph Zerafa d-depozizzjonijiet li ta Joseph Zerafa quddiem il-Magistrat Doreen Clarke u qieset ukoll id-depozizzjoni tas-Supratendent Norbert Ciappara fl-udjenza tal-lum u ghalkemm l-informazzjoni li ta Joseph Zerafa ghamilha proprju *"at the eleventh hour",* l-istess Supratendent deher sodisfatt mill-veracita' taghha billi hu semma minn kien fornih b'din id-droga mertu ta' din il-kawza. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti dan il-hati jista' jibbenefika mill-provvediment tal-artikolu 29 b'riduzzjoni ta' grad wiehed kif ukoll irid jittiehed kont tal-fatt li huwa rregistra ammissjoni qabel ma gie ffurmat il-guri, sia pure tardivament u li bl-ebda mod ma tista' tissejjah bikrija.

Din l-ahhar konsiderazzjoni tapplika wkoll fil-kaz tal-hatja Censina Zerafa, li pero' ma hemmx raguni ghala ghandha tibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101. Id-"depression"

akuta li qabditha **wara** li giet akkuzata bir-reat in dizamina zgur li ma tistax titqies bhala attenwanti fil-kaz taghha pero', anki jekk kienet tbati minn xi episodji leggeri precedentement ghall-arrest taghha.

Ghalhekk meta giet biex tikkalibra l-pieni relattivi erogabbli lit-tlitt hatja, qieset il-partecipazzjoni minima w l-ammissjoni qabel ma gie ffurmat il-guri kif ukoll il-kondotta incensurata ta' Censina Zerafa w, mill-banda l-ohra l-fatt li z-zewg hatja l-ohra kienu diga' gew kundannati dwar pussess ta' droga.

Qieset ukoll li ghalkemm il-hati Camilleri b'verdett ta' seba' bi tnejn fuq tlitt Kapi w verdett unanimu fuq ir-Raba' Kap (bl-assorbiment gja fuq imsemmi) instab hati ta' erba' akkuzi, l-hati l-iehor Joseph Zerafa nstab hati tad-disa' Kapi tal-Att tal-Akkuza (ukoll bl-assorbimenti) ghalkemm dan irid umbaghad jibbenefika mill-artikolu 29 bi tnaqqis ta' grad u jrid jitqies ukoll li ammetta qabel ma gie ffurmat il-guri, ghalkemm fil-fehma ta' din il-Qorti xorta ma ghamilx ammissjoni bikrija.

Inoltre dwar l-ispejjez peritali, l-Qorti qed taghmilha cara li mill-ispejjez totali ta' €8,056.32 li jidhru fil-lista annessa qed jigu eliminati r-relazzjonijiet numru 3, 4 u 10 li jirrigwardaw l-indagni dwar l-impronti digitali li minnha ma kien hemm l-ebda prova kontra xi wiehed mill-akkuzati, r-relazzjonijiet numru 12 u 15 tal-perit Dr. Patrick Valentino, li gew dikjarati mhux ammissibli f'dan il-guri minhabba l-mod kif ingabret l-informazzjoni mill-istess perit minghajr gurament. Inoltre l-ispiza tar-relazzjoni numru 1 ta' Joseph Zammit dwar il-hsarat fil-vetturi qed jigi akkollata biss lill-hati Joseph Zerafa billi dawn jikkoncernaw il-htija tieghu taht it-Tmin Kap tal-Att tal-Akkuza w l-ispejjez tar-relazzjoni numru 11 tal-Perit Valerio Schembri (LM 693.60) qed jinqasmu biss fuq il-hatja Joseph Zerafa w Charles Joseph Francis Camilleri, stante li l-aggravanti tad-distanza gie attribwit lilhom biss u mhux ukoll lil Censina Zerafa. L-ispejjez rimanenti jinqasmu ugwalment bejn it-tlett akkuzati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 8(a)(b) 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(bb)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d), 26 u 29 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi w ir-regoli 4(a) u 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [G.N 292 ta' l-1939], l-artikoli 15(1)(a)(2)(3) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), kif ukoll l-artikoli 17(b)(d)(h), 23, 30, 96(a), 328(d), 338(ee) u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna :-

1. lill-hati **Joseph Zerafa** ghall-piena komplessiva ta' erbatax (14) il-sena prigunerija kif ukoll tikkundannah ghall-multa komplessiva ta' erbghin elf Euro (€40,000) li jekk ma tithallasx fi zmien hmistax il-jum mill-lum tigi konvertita fi tmintax (18) il-xahar prigunerija, kif ukoll li jhallas is-somma ta' €1898.81 ta' sehmu mill-ispejjez tal-perizji kif spjegat fil-paragrafu precedenti u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali; Inoltre tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur.

2. lill-hati **Charles Joseph Francis Camilleri** ghall-piena ta' tlettax (13) il-sena prigunerija kif ukoll tikkundannah ghall-multa komplessiva ta' tletin elf Euro (€30,000) li jekk ma tithallasx fi zmien hmistax il-jum mill-lum tigi konvertita fi tmintax (18) il-xahar ohra prigunerija, kif ukoll li jhallas is-somma ta' €1640.44 ta' sehmu mill-ispejjez tal-perizji kif fuq spjegat u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

3. lill-hatja **Censina Zerafa** ghall-piena ta' hames (5) snin prigunerija kif ukoll tikkundannha ghall-multa ta' ghaxart elef Euro (€10,000) li jekk ma tithallasx fi zmien hmistax il-jum mill-lum tigi konvertita f'sena prigunerija kif ukoll li thallas is-somma ta' €832.61 ta' sehemha mill-ispejjez tal-perizji kif fuq spjegat u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati w il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hatja.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

Spejjez Peritali

1. Relazzjoni Joseph Zammit
Lm110.92

2. Relazzjoni PS 46 Casha u PS 171 Glanville
Lm122.00

3. Relazzjoni ta' PS Jeffrey Hughes
Lm142.50

4. Relazzjoni ta' PS 659 Jeffery Hughes Lm 86.00

5. Relazzjoni ta' PS 602 Jonathan Attard
Lm136.00

6. Relazzjoni Spizjar Mario Mifsud Lm169.33

7. Relazzjoni Spizjar Mario Mifsud Lm196.77

8. Relazzjoni PS 1261 Charles Pace Lm 10.00

9. Relazzjoni Martin Bajada Lm247.65

10. Relazzjoni Joseph Mallia Lm305.03

11. Relazzjoni Perit Valerio Schembri Lm693.60

12. Relazzjoni Dr Patrick Valentino Lm 51.50

13. Relazzjoni Spizjar Mario Mifsud Lm 95.29

14. Relazzjoni Spizjar Mario Mifsud Lm 95.29

15. Relazzjoni Dr Patrick Valentino Lm996.70

TOTAL LM3,458.58

**TOTAL** **<u>€8,056.32</u>**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------